21 ta' Jannar, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Calleja *versus* John Gauci (*)

**Danni — Responsabilità għall-Fatt ta' Ħadd Ieħor — Minuri — Art. 1074 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-missier li għandu l-ħsieb ta' wliedu minuri huwa responsabbli għad-danni li jiġu kaġunati bil-għemil ta' dak il-minuri. U anki jekk iħalli l-ulieda minuri taħt il-kura ta' ommhom, din ir-responsabilità tiegħu ma tiċċessax sakemm huwa jibqa' jeżerċita l-patria potestà.*

(*) Konfermata fl-Appell, 18. 6. 48.

Il-Qorti, — Wara li rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li talab li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet li hemm bżonn u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, u wara li ppremetta li hu, fis-26 ta' Marzu 1946, għas-sitta u nofs ta' wara nofs in-nhar, fil-waqt li kien qiegħed isuq motor car "Plymouth" numru 65 f'Saqqajja Hill, Rabat, u waqt li kellu t-triq libera quddiemu, kien qiegħed jaqla' minn bus numru 1751 proprjetà ta' Francesco Rago, ħarġu b'sabta żewġt itfal minn fuq il-bankina tal-lemin tiegħu għal nofs it-triq, b'mod illi ġew quddiem il-motor car tiegħu b'periklu ta' ħajjithom, u hu, biex jevitahom, kien obligat jikser immedjatament fuq ix-xellug tiegħu; u fil-waqt li kien qiegħed jagħmel dina l-manuvra inevitabili, ħabat mal-parti posterjuri tal-bus imsemmi, b'konsegwenza ta' ħsarat tant fil-motor car tiegħu kemm fil-bus ta' Francesco Rago; li t-tfal imsemmija (Alfred u Antonio Gauci) huma wlied minuri tal-konvenut, li naqas illi jieħu kura tagħhom ta' "bonus pater familias", u għalhekk huwa responsabili tad-danni kollha li saru in segwitu għall-kolliżjoni mill-istess tfal kaġunata; u li d-danni li hu sofra, salvi danni eventwali oħ-

raju, partikolarment jekk hu jkun kostrett jirrifondi lil Francesco Rago, jew lil min għalih, il-ħsarat li saru fil-bus numru 1751; jikkonsistu fi ħsara fil-motor car imsemmi numru 65, oltre fil-perdita ta' qliegħ għall-perijodu illi l-istess motor car kienet taħt riparazzjoni; talab li, previa n-nomina ta' periti, jekk neċessarja, (1) jiġi dikjarat l-istess konvenut responsabbli għad-danni kollha sofferti minnu, kemm għall-ħsarat fil-motor car tiegħu numru 65 "Plymouth", kemm għal nuqqas ta' qliegħ fil-perijodu illi l-istess motor car kienet taħt riparazzjoni, billi l-istess konvenut ommetta li jieħu kura ta' "bonus pater familias" ta' wliedu minuri li kienu l-kawża tal-kolliżjoni u tad-danni riżultanti; (2) jiġu likwidati d-danni sofferti minnu għall-ħsarat fil-motor car numru 65 "Plymouth" u finnuqqas ta' qliegħ waqt li l-motor car kienet taħt riparazzjoni u l-istess konvenut jiġi kundannat iħallsu in linea ta' danni dik is-somma illi għal dana l-effett tiġi hekk likwidata; salva u integra kwalsijasi azzjoni oħra kontra l-istess konvenut, partikolarment jekk hu jkollu jirrifondi lill-proprjetarju tal-bus numru 1751 ukoll id-danni li dana sofra fl-istess kolliżjoni; bl-ispejjeż u bl-imgħax skond il-liġi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jirriżulta illi l-attur, li kien qiegħed isuq karrozza............ Il-proprjetarju tax-char-a-banc, jew aħjar min ħadimin, fittex għad-danni lill-attur u dana ġie kundannat mill-Qorti tal-Kummerċ b'sentenza tat-18 ta' Jannar 1947 iħallas £12 u £6. 3. 6 spejjeż. Jirriżulta illi huwa fil-karrozza tiegħu sofra £9 spejjeż, kif jidher bid-dettall fil-paragrafu 14 tar-relazzjoni peritali;

Tikkunsidra;

Illi għalkemm il-konvenut ġieb xi xhud biex isostni li wliedu............. ma niżlux minn fuq il-bankina, jirriżulta mill-provi...............;

Illi kwindi ma hemmx dubju, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, li l-"causa causarum" tad-danni stabbiliti kienet l-azzjoni imprudenti tat-tfal in kwistjoni;

Tikkunsidra;

Illi in tema legali applikabili għall-każ in kwistjoni dwar min għandu jsofri d-danni, jingħad li l-prinċipju legali huwa

li kull ħadd huwa tenut għad-danni li jiġru minħabba t-tort tiegħu, u huwa fit-tort min fl-azzjonijiet tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza, u l-attenzjoni ta' "bonus pater familias" (ara art. 1074 u 1075). Kwalunkwe ħtija jew tort akbar minn dik ta' "bonus pater familias", biex bniedem jirrispondi għalha trid tkun inmissla minn dispożizzjoni espressa tal-liġi (ara art. 1075 (2) ). Huwa wkoll responsabbli għad-danni min, indipendentement mill-intenzjoni tiegħu, jagħmel jew jonqos li jagħmel, b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, dak li huwa impost mil-liġi (ara art. 1076 Kodiċi Ċivili). Dawn id-disposti tal-liġi jirregolaw il-pieni u d-danni dovuti għall-fatt propriu tal-persuna li tkun għamlitu, kif ukoll għat-tort u ħtija ta' l-istess persuna, skond il-massima ġenerali: "De poenis suos teneant auctores, nec ulterius progrediatur metus quam reperiatur delictum" (L. 22 C. De Poenis, IX-47);

Illi kwalunkwe modifikazzjoni għal dana l-prinċipju hija eċċezzjoni tad-dritt komuni; u fosthom jidħlu l-pieni għall-fatt ta' ħadd ieħor, bħal ma huwa l-każ tal-fatt in diżamina. Infatti l-art. 1077 tal-Kodiċi Ċivili, fih kompendjati l-azzjonijiet "noxales" tad-Dritt Ruman, fejn ir-responsabilità ta' min għandu l-ħsieb ta' wieħed minuri jew ta' miġnun, hija diretta, u r-responsabilità indiretta, bħal fil-każ ta' l-art. 1078 ta' l-istess Kodiċi (ara Deċ. Volum XXVI, P. II, paġ. 92. Prima Awla Ċivili, "Davies vs. Mc Hallam");

Illi in'hemmx kwistjoni illi l-età tat-tfal in kwistjoni — u t-tnejn għandhom anqas minn ħames snin — kienet tirrikjedi s-sorveljanza tal-ġenituri tagħhom. Dik tal-missier bħala li fih tirrisjedi l-patria potestà, hija r-responsabilità prinċipali; l-għaliex fih, skond il-liġi, hija riposta l-kura tal-mnuri, u in forza ta' l-art. 1077 tal-Kodiċi Ċivili ġiet kreata minħabba f'hekk preżunzjoni ta' responsabilità direttament. Mhix il-preżenza materjali tal-missier li tirrendih responsabbli, iżda d-direzzjoni u l-kura li għandu skond il-liġi tat-tfal minuri li torbtu f'dan il-kamp; u anki jekk il-missier iħalli t-tfal minuri tiegħu taħt il-kura ta' l-omm, dina r-responsabilità tiegħu ma tiċċessax sakemm jibqa' jeżerċita l-patria potestà (ara Dalloz, Repertorio, Volume XXXIX, vuċi Responsabilità, nru. 566; Kassazzjoni Pariġi 16 ta' Awissu 1841 Porcrer vs. Ranton). Huwa

minnu li l-missier jista' jipprova li huwa ma setax jimpedixxi l-fatt li għalih huwa normalment responsabili, fis-sens li adopera l-viġilanza ta' "bonus pater familias", imma taħt iċ-ċirkustanzi "di fatto" tal-każ in kwistjoni dina l-Qorti ma tarax li dana kien impossibili għall-konvenut, li, bħal ħafna nies tal-kondizzjoni tiegħu, għandhom id-drawwa ħażina ħafna li jħallu t-tfal jiġġerrew barra fuq it-triq. Dana ma jfisserx li l-omm, taħt iċ-ċirkustanzi, ma setgħetx anki tkun responsabili taħt id-dispost ta' l-art. 1077 minħabba l-lontananza momentanea tal-missier; imma dana l-assert ma jħassarx fil-fatt legalment ir-responsabilità tal-missier; u dana apparti l-fatt li l-awturi "in subjecta materia" huma ta' l-opinjoni li għandu jkun hemm differenza bejn l-assenza, fis-sens legali u mhux materjali, u l-lontananza, u bejn il-lontananza momentanea u dik ta' karattru permanenti u stabili (ara Marcadè Komment għal l-art. 1384 tal-Kodiċi ta' Napoleon, u Delvitto, Komment għall-Kodiċi Civili Taljan art. 1152-1153);

Illi kwindi, fl-assenza ta' provi mill-parti tal-konvenut li huwa adopera ruħu li jinviġila t-tfal tiegħu, li kienu taħt idejh, bħala "bonus pater familias" sabiex jipprevjeni u jilqa' l-fatt in kwistjoni, l-istess għandu jkun, skond il-preżunzjoni legali, ritenut responsabili;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-perit legali, bl-iskop ta' pratiċità, milli jidher, fil-likwidazzjoni tad-danni semma d-danni kawżati lix-xbar-abane bl-aċċessorji tagħhom; imma dawk l-istess danni, skond it-termini ta' l-att taċ-ċitazzjoni, ma jidherx li jidħlu fit-talba odjerna; l-għaliex għalihom giet biss magħmula riżerva, apparti l-fatt li fid-dikjarazzjoni tar-responsabilità, meta l-konvenut gie dikjarat responsabili għal dana l-kważi-delitt, skond il-liġi huwa tenut għad-danni kollha immedjati prossimi, imma mhux għal dawk remoti;

Illi kwindi ma hemmx lok li dina l-Qorti tiddetermina jekk u liema mid-danni li ħallas l-attur odjern lil Barbara u l-ħaddiema li ħaddem għall-istess Rago.......... għandhomx ikunu rifużi. Jerġa' jingħad, ir-rifużjoni o meno tagħhom, kollha jew in parti, tiddependi mill-fatt jekk l-istess humiex jew le.......... ħaġa li għandha tkun diskussa f'ġudizzju "ad

hoc", skond ir-riżerva apposta fl-att taċ-ċitazzjoni..............;

Illi dwar il-"lucrum cessans" ma hemmx lok li l-istess jiġi likwidat, l-għaliex wara li ġiet promossa l-kawża l-R.A.F. fallsu lill-attur meta minħabba l-kolliżjoni waqaf milli jaħdem sakemm ġiet riparata l-karrozza. It-talba per sè kienet ġustifikata għall-epoka meta saret iċ-ċitazzjoni;

Illi dwar l-eċċezzjoni konvenuta, li l-ewwel u t-tieni talba kienu superfluwi, l-għaliex implicatament kompriżi fit-tielet talba, din il-Qorti tħoss li t-talba tad-dikjarazzjoni tar-responsabilità ma kienet xejn superfluwa; anzi, a vero dire, kienet neċessarja. Dwar it-talba tal-kundanna, li tikkomprendi dik tal-likwidazzjoni, it-tassazzjoni tal-kawża — l-unika raġuni ta' l-eċċezzjoni — mhix b'hekk sejra tkun affettata; l-għaliex f'każ ta' kundanna indeterminata dejjem irid ikun hemm il-likwidazzjoni, anki jekk ma tkunx mitluba, u dejjem l-istess tiġi meħuda in konsiderazzjoni għat-tassazzjoni;

Illi dwar l-ammonti likwidati ma jidhirx li hemm kwistjoni;

Għal dawna l-motivi;

Teqta' u tiddeċidi billi tiddikjara li l-konvenut huwa responsabili għall-fatt kolpuż ta' wliedu minuri, li huma taħt il-kura tiegħu u soġġetti għall-patria potestà tiegħu, kif ukoll għad-danni kollha riżultanti minn dak il-fatt antiġuridiku; u wara li tillikwida d-danni konsistenti fi ħsarat materjali lill-karrozza ta' l-attur "Plymouth" nru. 65, għas-somma ta' £9 skond il-paragrafu 15 tar-relazzjoni peritali fejn jidhru d-dettalji tagħhom, u tiddikjara li ma hemmx lok aktar għall-"lucrum cessans", tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma fuq imsemmija, bl-ispejjeż kollha tal-kawża; riżervata lill-attur kwalunkwe azzjoni oħra "si et quatenus" għal kwalunkwe dannu ieħor li sofra in konsegwenza ta' l-istess fatt. U b'hekk tponi fini għall-kawża f'dina l-istanza.